



## Stqarrija għall-istampa

Il-Lussemburgu, 8 ta' Diċembru 2021

# Il-qgħad fit-tul fl-UE jeħtieġ azzjoni aktar speċifika

Il-qgħad fit-tul jista' jkollu konsegwenzi serji, kemm għall-persuni qiegħda kif ukoll għat-**tkabbir** u l-finanzi pubbliċi, iżda, skont rapport ippubblikat mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri, l-azzjoni meħuda kontrih mhijiex immirata biżżejjed. Permezz tal-Fond Soċjali Ewropew (FSE), l-UE ffinanzjat diversi miżuri biex tippromwovi l-aċċess għall-impjieg mill-2014. Madankollu, dawn il-miżuri tal-FSE ma kinux dejjem adattati biex jindirizzaw il-ħtiġijiet speċifiċi tal-persuni qiegħda fit-tul. L-awdituri jirrakkomandaw li l-Kummissjoni Ewropea jenħtieġ li tinsisti li l-Istati Membri jużaw approċċ individwalizzat biex jgħinu lill-persuni qiegħda fit-tul permezz tal-FSE+ il-ġdid li se jkopri l-perjodu 2021-2027. Huma jirrakkomandaw ukoll li l-Kummissjoni għandha tevalwa l-effettività tal-miżuri ta' "aċċess għall-impjieg" li huma mmirati lejn il-persuni qiegħda fit-tul.

*"Il-qgħad fit-tul jaffettwa n-nisġa soċjali tagħna. Il-persuni qiegħda huma f'riskju ogħla ta' faqar, esklużjoni soċjali u anke problemi tas-saħħa."* qal Lazaros S. Lazarou, il-membri tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri responsabbli għar-rapport. *"Aħna sibna li l-miżuri ffinanzjati mill-UE s'issa laħqu ħafna persuni li ilhom żmien twil ifittxu x-xogħol, iżda ma kinux imfassla speċifikament għalihom. Il-pandemija tal-COVID-19 tista' taggrava l-problema tal-qgħad fit-tul. Fil-fehma tagħna jkun aħjar li jiġi applikat approċċ individwalizzat għall-persuni qiegħda fit-tul kollha bħala parti mill-politiki nazzjonali tas-suq tax-xogħol attiv".*

Il-persuni li jibqgħu qiegħda għal perjodi itwal iħabbtu wiċċhom ma' aktar problemi biex isibu xogħol minħabba li jtilfu l-motivazzjoni, il-kunfidenza u l-ħiliet. Skont l-aħħar *data* annwali disponibbli, fl-2020 35 % tal-15-il miljun persuna tal-UE li qed ifittxu impjieg (5.3 miljun persuna) kienu ilhom qiegħda għal mill-inqas 12-il xahar. Il-konsegwenzi ekonomiċi tal-pandemija tal-COVID-19 jistgħu jaggravaw il-kwistjoni.

Fl-UE, l-Istati Membri huma responsabbli għall-politiki tas-suq tax-xogħol. Il-FSE huwa l-istrument finanzjarju ewlieni tal-UE għall-appoġġ tal-miżuri tal-Istati Membri tas-suq tax-xogħol attiv. Matul il-perjodu 2014-2020, ġew allokat i madwar EUR 11.4 biljun biex jiġi indirizzat l-"aċċess għall-impjieg". L-awdituri sabu li dawn il-miżuri tal-FSE ta' "aċċess għall-impjieg" ffinanzjaw interventi differenti matul il-perjodu 2014-2020 li kienu ta' benefiċċju għal bosta persuni li kien ilhom żmien

L-għan ta' din l-istqarrija għall-istampa huwa li twassal il-messaġġi ewlenin tar-rapport speċjali tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri. Ir-rapport sħiħ huwa disponibbli fuq [eca.europa.eu](http://eca.europa.eu).

## ECA Press

12, rue Alcide De Gasperi – L-1615 il-Lussemburgu

E: [press@eca.europa.eu](mailto:press@eca.europa.eu) @EUAuditors [eca.europa.eu](http://eca.europa.eu)

twil ifittxu impjeg. Madankollu, dawn ma kinux immirati speċifikament. Minflok, ġew ittrattati bħala parti minn grupp akbar li fih il-gruppi kollha qiegħda jew “żvantaġġati”. Barra minn hekk, il-miżuri tal-FSE mhux neċessarjament jirriflettu l-iskala tal-kwistjoni f’xi Stati Membri.

L-awdituri nnutaw ukoll li għalkemm xi servizzi pubbliċi tal-impjegi applikaw l-approċċ individwalizzat għal persuni individwali qiegħda fit-tul bħala parti mill-politiki nazzjonali tagħhom tas-suq tax-xogħol attiv, ma kien hemm l-ebda rabta ċara bejn l-appoġġ u l-azzjonijiet tal-“aċċess għall-impjeg” tal-FSE li tindirizza l-ħtiġijiet speċifiċi tal-persuni qiegħda fit-tul. Barra minn hekk, l-awdituri sabuha diffiċli li jimmonitorjaw x’riżultati kien kiseb il-FSE għall-persuni qiegħda fit-tul. Dan ukoll minħabba dgħufija fil-qafas tal-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tiegħu: in-nuqqas ta’ kategorija speċifika ta’ nfiq għal gruppi differenti fil-mira (bħall-persuni qiegħda fit-tul) jagħmilha diffiċli mhux biss biex jiġi identifikat kemm ġie allokat finanzjament tal-UE għal tali miżuri, iżda wkoll biex jiġu evalwati r-riżultati tagħha u l-impatt fuq il-grupp fil-mira.

Ir-regoli għall-istrument il-ġdid “FSE+” għall-perjodu 2021-2027 jintroduċu għadd ta’ passi ‘l quddiem, bħall-arranġamenti għat-tfassil ta’ profili ta’ persuni li qed ifittxu impjeg u l-valutazzjoni tal-ħtiġijiet tagħhom. Madankollu, l-awdituri jitolbu lill-Kummissjoni tinsisti li, meta jimplementaw il-miżuri l-ġodda taħt il-FSE+, l-Istati Membri japplikaw approċċ immirat speċifikament lejn persuni qiegħda fit-tul u l-ħtiġijiet tagħhom fejn il-kwistjoni hija partikolarment akuta, peress li hemm disparitajiet kbar fil-livell nazzjonali u reġjonali. Minbarra dan, l-awdituri jirrakkomandaw li l-Kummissjoni għandha tevalwa l-effettività tal-miżuri ta’ “aċċess għall-impjegi” li huma mmirati lejn il-persuni qiegħda fit-tul.

### Informazzjoni ta’ sfond

Mill-2011, il-Kummissjoni ilha tirrieżamina l-politiki tas-suq tax-xogħol tal-Istati Membri permezz tal-proċess tas-Semestru Ewropew. Abbażi tal-analiżi tal-Kummissjoni, il-Kunsill adotta għadd ta’ rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi li jitolbu lill-Istati Membri kkonċernati jieħdu miżuri speċifiċi kontra l-qgħad fit-tul, inkluż approċċ individwalizzat. FI-2016, dan l-approċċ ġie approvat minn Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-qgħad fit-tul.

Rapport Speċjali 25/2021: *“ESF support to combat long-term unemployment: Measures need to be better targeted, tailored and monitored”* (L-appoġġ tal-FSE għall-ġlieda kontra l-qgħad fit-tul: Jeħtieġ li l-miżuri jkunu mmirati, imfassla u mmonitorjati aħjar) huwa disponibbli [fuq is-sit web tal-QEA](#) bl-Ingliż; dalwaqt se jkun hemm verżjonijiet lingwistiċi oħrajn.

### Kuntatt mal-istampa

Uffiċċju tal-istampa tal-QEA: [press@eca.europa.eu](mailto:press@eca.europa.eu)

- Claudia Spiti: [claudia.spiti@eca.europa.eu](mailto:claudia.spiti@eca.europa.eu) - M: (+352) 691 553 547
- Vincent Bourgeais: [vincent.bourgeais@eca.europa.eu](mailto:vincent.bourgeais@eca.europa.eu) - M: (+352) 691 551 502